MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 75/2004

Kawza fil-lista: 53

***A X***
**vs**
***S* sive *R X***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Mejju 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, *W* u *I*, [u li twieldu rispettivament fit-8 ta’ Frar 1993 u fit-28 ta’ Awissu 1996]; “li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati lejn martu l-attrici ta’ adulterju, swat, theddid, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi, kif ukoll minhabba nkompatibilita’ ta’ karattru”; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna;

ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja tal-ulied minuri lill-attrici, bi dritt ta' access favur il-missier; [3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, manteniment, ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri; [4] tapplika, in toto jew in parte, l-artikolu 48[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; [5] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet [6] tordna l-bejgh tal-fond matrimonjali 15C Fleur-de Lys Junction Birkirkara, proprjeta' parafernali taz-zewg partijiet, u r-rikavat jinqasam bejniethom; kif ukoll tinnomina nutar biex jircevi l-att opportun; [7] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni u krediti parafernali u dotali taghha, bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li l-htija tas-separazzjoni hija attribwita lill-attrici ghall-istess ragunijiet dedotti minnha fil-konfront tieghu; [2] li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja ta' l-ulied minuri; [3] li l-attrici ddekadiet ghal kull dritt li tircievi manteniment ghaliha; inoltre hija tahdem, u wkoll ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-ulied; [4] tichad it-talba ghad-dekadenza fil-konfront tieghu; [5] filwaqt li jaqbel mat-talba ghax-xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jitlob li huwa jinghata l-fakolta' li jibqa' jirrisjedi, flimkien ma' ulied-il partijiet, fid-dar konjugali; [6] li s-seba' talba hija fattwalment u legalment infondata;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab inserita a fols.90 sa 92 [Appendici A] tal-process, u li permezz taghha wkoll il-konvenut, inter alia, qed jitlob is-separazzjoni personali ghall-istess ragunijiet dedotti mill-attrici fil-konfront tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab inserita fil-process a fols.109 sa 110 [Appendici B];

Rat ir-rapporti tal-haddiema socjali Therese Micallef u Daniela Sciberras;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar;

Rat ir-relazzjoni tal-perit stimatur Peter Bonello;

Rat ir-relazzjonii tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Christine *X*;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-tfal minuri kameralment, f' zewg okkazzjonijiet;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali, stante li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet kommessi fil-konfront ta' xulxin fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li kull parti cahdet dak attribwit lilha mill-parti l-ohra; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Mejju 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, *W*, illum maggjorenni, u *I*, li llum ghandu erbatax-il sena. Wara t-twelid ta' l-ahhar wild fit-28 ta' Awissu 1996, l-attrici bdiet issofri minn post-natal depression, bir-rizultat li fis-sena 1998 kienet ghamlet xi zmien ghal kura fis-sezzjoni psikjatrika ta' l-isptar. Il-partijiet irriskontraw diffikultajiet fir-relazzjoni matrimonjali li aggravaw fis-sena 2002, u komplew jaggravaw, tant li fit-23 ta' Dicembru 2003 l-attrici telqet mid-dar konjugali, u marret tghix fid-dar tal-genituri taghha.

Illi rigward l-aspett dwar is-separazzjoni personali, u dwar il-htija ta’ l-istess, il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi relattivi, tikkondividi l-konstatazzjonijiet dettaljati maghmula, u l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, u li taghhom din il-Qorti qeda taghmel ampja referenza, a skans ta’ ripetituzzjoni nutili.

Il-Qorti taqbel li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, hija sostanzjalment aktar verosimili u attendibbli minn dik moghtija mill-konvenut;  u li l-hajja matrimonjali bdiet sejra lura, u xxelfet sew, meta, fiz-zmien li l-attrici waqghet f’ post natal depression, ma sabitx ghajnuna adegwata, jew ahjar komprensjoni, minn zewgha li minn naha tieghu agixxa b’ mod insensittiv u anke dispreggjattiv fil-konfront ta’ l-attrici, martu, tant li eventwalment din kellha tirrikorri ghand il-familjari taghha ghal ghajnuna.  Kif sottomess mill-perit legali, dan il-komportament negattiv da parti tal-konvenut ggenera fl-attrici, allura martu, sens ta’ dulur u ezacerbazzjoni, u kien il-kagun ta’ avverzjoni profonda li nholqot fl-attrici fil-konfront tieghu, tant li l-istess attrici stqarret li kienet thossha qed tghix f’ infern u kienet tippreferi tmut milli tibqa’ tghix mieghu.

Illi s-sitwazzjoni aggravat ruhha meta l-konvenut f’ April 2002 ittrattjena apertament hbiberija partikolari ma’ mara ohra, minghajr habi mill-attrici.

Illi meta f’ Settembru 2003 l-konvenut sar jaf li martu talbet is-separazzjoni personali, huwa kien aggressiv fil-konfront taghha, tant li, l-attrici tghid li fit-23 ta’ Dicembru 2003 hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali, thalli t-tfal warajha, u tmur tghix ghand ommha.

Il-Qorti hi tal-fehema li mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli, primarjament minhabba l-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, li ezercitat fuq bazi abitwali, u ripetut, kien irrenda nsappaortabbli ghall-attrici l-konvivenza, u ghalhekk jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ u anke ‘ingurja gravi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-kapitlu precitat.

Illi pero' mill-banda l-ohra, anke l-attrici ghandha grad ta' responsabbilita' ghall-inkwiet matrimonjali, stante li d-differenza fil-livell socjali, jew ahajr finanzjarju, bejn iz-zewg partijiet kien infiltra u avvalena r-relazzjoni ta' bejniethom. Dan il-fattur, li kien diga' manifest fiz-zmien l-gherusija meta l-familjari ta' l-attrici kienu juru lill-konvenut b'mod car li huma ma kellhomx pjacir bih, maz-zmien zviluppa fl-attrici sens ta' disprezz lejn il-konvenut, li awmenta ruhhu bil-komportament abbuziv tal-konvenut lejn l-attrici.

Ghalhekk f'dan il-kaz, anki l-inkompattibilita' tal-karattru tal-partijiiet ikkontribwixxa wkoll ghat-tkissir tar-relazzjoni matrimonjali; u f'dan ir-rigward jahtu z-zewg partijiet li sa minn qabel iz-zwieg huma kienu jafu li dan il-fattur kien ta' xkiel fir-relazzjoni taghhom.

Illi dwar r-relazzjonijiet adulterjuzi allegati mill-konvenut fil-konfront ta' martu, il-Qorti, bhal perit legali, hi tal-fehema li l-provi fir-rigward mhumiex sodisfacenti. B' mod partikolari, jigi osservat li, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg ghall-allegata relazzjoni ta' l-attrici ma' certu Antoine Attard, u wkoll ressaq provi f' dan ir-rigward, izda dawn l-provi huma nsodisfacenti kif spjegat mill-perit legali fi-relazzjoni taghha u wkoll fix-xhieda li din tat in eskussjoni. Inoltre, u b' aktar enfasi, timmilita kontra t-tezi tal-konvenut, il-konsiderazzjoni li, jekk din ir-relazzjoni kienet verament tezisti, tant li l-konvenut jghid li "l-inkwiet ta' bejnietna kien proprju minhabba dan Antoine Attard, u minhabba fih ghamilna xi zmien maqtughin minn xulxin." [Affidavit Cit.964/03 fol.31], allura kien ikun baziku li l-istess Antoine Attard jigi prodott minnu bhala xhud, multo magis, fid-dawl tal-fatt li l-attrici cahdet kategorikament din l-allegazzjoni maghmula fil-konfront taghha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli, primarjament tort tal-konvenut, u sekondarjament ukoll tort ta' l-attrici, fi proporzjon ta' tlett kwarti [3/4] da parti tal-konvenut, u kwart [1/4] da parti ta' l-attrici.

**Kura u Kustodja**
Illi llum dan il-kap jikkoncerna biss lit-tifel *I*, li ghandu erbatax [14]-il sena, stante li t-tifel l-iehor sar maggjorenni.

Illi l-Qorti hi tal-fehema li l-interessi tal-minuri, li jipprevalu fuq dawk tal-genituri, jiddettaw lil-l-kura u kustodja tibqa' wahda kongunta, biex b' hekk iz-zewg genituri jhossuhom aktar responsabbli ghat-trobbija u ghall-benessere tat-tifel; u isahhah ir-relazzjoni l-genitur u t-tifel.

Illi, wara li kellmet lill-minuri, il-Qorti tordna li t-tifel ghandu jibqa' jghix m'ommu bi dritt ta' access favur il-missier: kull nhar ta' <u>Erbgha</u> mill-5.00pm sat-8.00pm, kull <u>Gimgha</u> mis-6.00pm sat-Sibt 10.00<u>am</u>, u kull <u>Sibt</u> mis-6.00pm sal-Hadd 8.00pm li fis-sajf jigi estiz ghad-9.30pm. Ghall-access il-minuri jingabar u jittiehed lura mill-missier id-dar tal-omm, filwaqt li ghall-iskola jittiehdu mill-missier u jingabru mill-omm.

Tordna wkoll li hadd mill-partijiet ma johrog il-wild minuri tal-partijiet minn Malta minghajr il-kunsens bil-miktub tal-parti l-ohra, jew minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti.

**Manteniment**
Illi anke in propozitu l-Qorti. taddotta l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-abbli perit legali fir-rapport taghha u konfermament, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri *I* is-somma mensili ta' €235, kunsidrat ukoll il-kondizzjoni ta' dan it-tifel.  Dan il-manteniment jikkomprendi spejjez ordinarji, medici u edukattivi;  u ghandu jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

Illi rigward l-ispejjez medici ta' natura straordinarji, dawn ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet b'mod ugwali, sakemm il-bzonnijiet medici ma jaqghux taht dawk is-servizzi li l-Gvern joffri minghajr hlas.

F' dan is-sens qed tigi deciza t-talba attrici ghall-manteniment ta' l-ulied minuri, kif ukoll ir-rikors prezentat minnha fit-28 ta' Settembru 2010.

Illi m’ hemmx lok li jigi fissat manteniment ghall-attrici, stante li din kapaci tahdem u ghandha ntrojtu adegwat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi fir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konstatazzjonijiet maghmula u konkluzzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha kontenuti fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti u Proprjeta’ Parafernali.” Fil-pagni numri 29 sa 39, u li kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici C – Vol.5 – fols.2220 sa 2230].

Illi l-assi tal-komujoni jikkonsistu fl-effetti mobbli elenkati bil-valur taghhom fil-pagni 36 sa 38 tar-rapport, u l-Qorti tordna li dawn l-assi jigu maqsuma bejn il-partijiet kif indikat mill-perit legali.

Illi l-fond konjugali numru 15C Fleur-de-Lys Junction, Birkirkara, appartenenti liz-zewg partijet f’ ishma wgwali, u valutat mill-perit tekniku fl-ammont ta’ €97,833.68 [LM42,000],u l-garaxx li jinsab fl-istesss triq, valutat fl-ammont ta’ €13,976.24 [LM6,000], ghandhom jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien sitt xhur, u fin-nuqqas jinbighu taht l-awtorita’ tal-Qorti – dejjem ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak fuq indikat.

Illi d-dar ghandha tinbigh bil-kcina, l-airconditioners, kmamar tal-banju u antiporta, u r-rikavat jinqasam, kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni taghha, u cioe’ ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, wara li minnu jithallsu €28,534.82 [LM12,250] lill-attrici in sodisfazzjoni ta’ kreditu parafernali taghha u valur tal-kcina u €2,771.95 [LM1,190] minnu jithallsu lill-konvenut bhala kumpens ghall-accessorji fuq indikati.

Illi permezz tal-gudizzju odjerna l-konvenut qed jigi ordnat li jivvaka l-imsemmija fondi gheluq is-sena mid-data ta’ din is-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut, u sekondarja ta’ l-attrici;
[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’; filwaqt li tichad il-kumplament tat-talba;
[4] tilqa’ r-raba taghha, u tapplika kontra l-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu;
[5] tilqa’ l-hames u s-sitt talba fit-termini u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[6] tilqa’ is-seba’ talba, u tordna fi zmien gimghatejn ir-restituzzjoni tal-oggetti parafernali ta’ l-attrici kif indikat mill-perit legali [fols.2228-2229];

Tiddecidi dwar il-**kontro-talba** billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa’ t-tieni, it-tielet, u r-raba’ talba limitatament kif gja fuq deciz;
[3] tichad il-hames talba;
[4] tilqa’ is-sitt talba limitatament ghal zmien sitt xhur millum; gheluq dan il-perijodu l-konvenut qed jigi ordnat permezz tal –gudizzju odjern sabiex jivvaka d-dar konjugali.

L-ispejjez kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet in kwantu ghal tlett kwari [3/4] a kariku tal-konvenut, filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------